



2023/2108

9.10.2023

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2108

tas-6 ta' Ottubru 2023

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tan-nitriti (E 249–250) u tan-nitrati (E 251–252) bħala addittivi tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (4) In-nitrit tal-potassju (E 249), in-nitrit tas-sodju (E 250), in-nitrat tas-sodju (E 251) u n-nitrat tal-potassju (E 252) huma sustanzi awtorizzati f'konformità mal-Annessi II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Dawn ilhom jintużaw għal għexieren ta' snin bħala priservattiv biex jiżguraw, flimkien ma' fatturi oħra, il-priservazzjoni u s-sikurezza mikrobijoloġika tal-ikel, b'mod partikolari tal-laħam, tal-ħut u tal-prodotti tal-ġobon, u biex jikkontribwixxu għall-karatteristiċi organolettiċi tipiċi tagħhom. Madankollu, fl-istess waqt, huwa rikonoxxut li l-preżenza tan-nitriti u tan-nitrati fil-prodotti tal-laħam tista' twassal għall-formazzjoni tan-nitrożammmini, li xi wħud minnhom instab li huma karċinoġeniċi. Għalhekk, hemm bżonn li r-riskju tal-formazzjoni tan-nitrożammmini permezz tal-preżenza tan-nitriti u tan-nitrati fl-ikel jiġi minimizzat, minn naħa waħda, u li jinżammu l-effetti protettivi tagħhom kontra l-multiplikazzjoni tal-batterji, b'mod partikolari tas-*C. botulinum*, responsabbli għall-botuliżmu, min-naħa l-oħra.
- (5) Il-livelli massimi tan-nitriti (E 249 u E 250) u tan-nitrati (E 251 u E 252) fl-ikel attwalment stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jissejsu fuq l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel tal-1990 ⁽⁴⁾ u tal-1995 ⁽⁵⁾ kif ukoll fuq l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tas-26 ta' Novembru 2003 ⁽⁶⁾. Dawn huma espressi bħala "ammont miżjud", fejn possibbli, peress li skont l-Awtorità l-ammont miżjud tan-nitriti, aktar milli l-ammont residwu, jikkontribwixxi għall-attività inibitorja kontra s-*C. botulinum*.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

⁽⁴⁾ Opinion on nitrates and nitrites expressed on 19 October 1990, European Commission — Reports of the Scientific Committee for Food (sensiela sitta u ghoxrin), p. 21.

⁽⁵⁾ Opinion on nitrates and nitrite expressed on 22 September 1995, European Commission — Reports of the Scientific Committee for Food (sensiela tmienja u tletin), p. 1.

⁽⁶⁾ Opinion of the Scientific Panel on Biological Hazards on a request from the Commission related to the effects of Nitrites/Nitrates on the Microbiological Safety of Meat Products, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/14>

- (6) Bħala eċċezzjoni, il-livelli massimi ta' residwi tan-nitriti u tan-nitrati huma stabbiliti għal ċerti prodotti tal-laħam ippriservati tradizzjonalment. Għal dawn il-prodotti, ippriservati bl-immersjoni f'soluzzjoni li tippriserva, bl-użu ta' applikazzjoni niexfa ta' taħlita għall-priservazzjoni fuq wiċċ il-laħam jew taħlita tat-tnejn, jew fejn in-nitriti u/jew in-nitrati huma inklużi fi prodott kompost jew fejn is-soluzzjoni li tippriserva tiġi injettata fil-prodott qabel it-tisjir, mhuwiex prattiku li jiġi ddeterminat l-ammont miżjud ta' melħ għall-priservazzjoni assorbit mil-laħam minħabba n-natura tal-proċess tal-manifattura assoċjat ma' dawk il-prodotti tradizzjonali.
- (7) Fl-2014, il-Kummissjoni ffinalizzat investigazzjoni preliminari biex timmonitorja l-implimentazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar in-nitriti mill-Istati Membri. Dak l-istudju ħareġ fid-dieher li, b'xi eċċezzjonijiet, l-ammont tipiku tan-nitriti miżjuda mal-prodotti tal-laħam mhux sterilizzati huwa aktar baxx mil-livell massimu stabbilit tal-Unjoni. Fir-rapport, il-Kummissjoni kkonkludiet li meta jitqies li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri n-nitriti normalment jiżdiedu mal-prodotti tal-laħam fl-livelli aktar baxxi mil-livelli massimi permessi, kellha tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġu rieżaminati l-livelli massimi attwali tan-nitriti biex ikompli jitnaqqas l-esponiment għal dawk l-addittivi tal-ikel. Għalhekk, il-Kummissjoni nediet studju *ad hoc* fir-rigward tal-użu tan-nitriti mill-industrija fil-kategoriji differenti tal-prodotti tal-laħam. L-istudju, li tlesta fl-2016, ikkonkluda wkoll li hemm possibbiltà li jitnaqqas l-livelli massimi attwali tan-nitriti awtorizzati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (8) L-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jipprevedi li l-addittivi tal-ikel kollha li kienu diġà permessi fl-Unjoni qabel l-20 ta' Jannar 2009 huma soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju ġdida mill-Awtorità. L-awtorità tat l-opinjoni jiet xjentifiċi tagħha li jevalwaw mill-ġdid is-sikurezza tan-nitriti u tan-nitrati bħala addittivi tal-ikel fil-15 ta' Ġunju 2017 ⁽⁷⁾.
- (9) Għan-nitriti, l-Awtorità dderivat Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) ta' 0,07 mg joni tan-nitrit għal kull kilogramm ta' piż tal-ġisem kuljum. L-esponiment stmat li jirriżulta mill-użu tagħhom bħala addittiv tal-ikel ma qabix din l-ADI għall-popolazzjoni ġenerali, ħlief għal eċċess żgħir fit-tfal fl-ogħla perċentil u kien jirrappreżenta madwar 17 % tal-esponiment globali fid-dieta. Jekk is-sorsi kollha tal-esponiment fid-dieta jitqiesu flimkien (l-addittivi tal-ikel, il-preżenza naturali u l-kontaminazzjoni), l-ADI tkun tinqabeż fit-trabi, fit-trabi li telqu jimxu u fit-tfal fil-medja tal-esponiment u għall-gruppi ta' etajiet kollha bl-ogħla esponiment. Fir-rigward tal-esponiment għan-nitrożammini eżoġeni, l-Awtorità kkonkludiet li mhuwiex possibbli li wieħed jiddistingwi b'mod ċar in-nitrożammini ffurmati min-nitrit miżjud bħala addittiv tal-ikel minn dawk iffurmati min-nitrit preżenti fl-ikel b'mod naturali jew b'riżultat tal-kontaminazzjoni. L-Awtorità qieset li hemm xi tħassib dwar l-esponiment globali għal-livelli għolja ta' nitrożammini eżoġeni għall-gruppi tal-etajiet kollha ħlief għall-anzjani. Fl-aħħar nett, l-Awtorità kkonfermat li teżisti evidenza li torbot in-N-nitrožodimetilammina preformata u l-kanċers kolorettali u xi evidenza li torbot in-nitrit fid-dieta mal-kanċers gastrici u li torbot il-kombinazzjoni tan-nitrit flimkien man-nitrat mil-laħam ipproċessat mal-kanċers kolorettali. Dan huwa fi qbil mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer fl-2015 ⁽⁸⁾.
- (10) Għan-nitrati, l-Awtorità żammet ADI ta' 3,7 mg joni tan-nitrat għal kull kilogramma tal-piż tal-ġisem kuljum u stmat li l-esponiment li jirriżulta mill-użu tiegħu bħala addittiv tal-ikel ma kienx jaqbeż din l-ADI. Jekk is-sorsi kollha tal-esponiment għan-nitrat fid-dieta jiġu kkunsidrati flimkien, l-ADI tkun tinqabeż għall-gruppi tal-etajiet kollha fil-medja u bl-ogħla esponiment. Il-kontribut tan-nitrati li jintużaw bħala addittivi tal-ikel, kien jirrappreżenta madwar 2 % tal-esponiment globali.
- (11) Fiż-żewġ opinjonijiet, l-Awtorità ħarġet xi rakkomandazzjonijiet li jissuġġerixxu aktar studji dwar il-komposti tan-nitrožo, in-nitriti u n-nitrati u t-tnaqqis tal-limiti attwali għall-elementi tossiċi (iċ-ċomb, il-merkuri u l-arseniku) fl-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni għan-nitriti (E 249 u E 250) u għan-nitrati (E 251 u E 252).
- (12) Fis-7 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni nediet sejħa pubblika għal *data* teknika dwar l-elementi tossiċi, biex tindirizza din ir-rakkomandazzjoni tal-aħħar tal-Awtorità. Id-*data* tressqet f'Jannar 2023.

⁽⁷⁾ EFSA Journal 2017;15(6):4786 u EFSA Journal 2017;15(6):4786.

⁽⁸⁾ Volum 114 tal-Monografiji tal-IARC: Evalwazzjoni tal-konsum tal-laħam aħmar u tal-laħam ipproċessat.

- (13) Fl-opinjoni xjentifika tagħha dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika relatati mal-preżenza tan-nitrożammini fl-ikel ippubblikata fit-28 ta' Marzu 2023 ⁽⁹⁾, l-Awtorità kkonkludiet li l-Marġni tal-Esponiment għan-nitrożammini karċinoġeniċi li jinsabu fl-ikel x'aktarx li jkun inqas minn 10 000 meta jkun hemm esponiment għoli għall-gruppi tal-etajiet kollha, li jista' jindika tħassib għas-saħħa, u li "l-laħam u l-prodotti tal-laħam" hija l-kategorija ewlenija tal-ikel li tikkontribwixxi għall-esponiment.
- (14) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1165 ⁽¹⁰⁾ jawtorizza biss l-użu tan-nitrit tas-sodju (E 250) u tan-nitrat tal-potassju (E 252) fil-prodotti organiċi tal-laħam flivelli massimi aktar baxxi mil-livelli massimi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u bil-kundizzjoni biss li ntweri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġika.
- (15) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/741 ⁽¹¹⁾, il-Kummissjoni approvat it-talba tar-Renju tad-Danimarka għal perġodu limitat ta' tliet snin biex iżomm dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti dwar iż-żieda tan-nitriti mal-prodotti tal-laħam. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali Daniżi jżommu livelli massimi aktar baxxi tan-nitriti għal ċerti prodotti tal-laħam, meta mqabbla mal-livelli massimi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u ma jippermettux l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li għalihom jistgħu jiġu stabbiliti biss livelli massimi ta' residwu.
- (16) Minħabba l-evalwazzjoni mill-ġdid tan-nitriti u tan-nitrati bħala addittivi tal-ikel u l-valutazzjoni tan-nitrożammini karċinoġeniċi fl-ikel mill-Awtorità u filwaqt li titqies l-investigazzjoni preliminari mal-Istati Membri, l-istudju *ad hoc* fir-rigward tal-użu tan-nitriti mill-industrija, l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-livelli massimi għan-nitriti u għan-nitrati awtorizzati fil-prodotti organiċi tal-laħam, l-esperjenza tad-Danimarka relatata ma' dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti għall-użu tan-nitriti fil-prodotti tal-laħam u l-konsultazzjoni estensiva tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi tan-negozji tal-ikel rilevanti, il-konsumaturi u l-esperti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, huwa xieraq l-kundizzjonijiet attwali tal-użu tan-nitriti u tan-nitrati bħala addittivi tal-ikel jiġu emendati.
- (17) Minħabba l-evalwazzjoni mill-ġdid tan-nitriti u tan-nitrati bħala addittivi tal-ikel mill-Awtorità, huwa xieraq ukoll li jitnaqqsu l-limiti massimi eżistenti għall-preżenza taċ-ċomb, il-merkuri u l-arseniku fin-nitriti (E 249 u E 250) u fin-nitrati (E 251 u E 252), stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni.
- (18) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ammonti massimi tan-nitriti u tan-nitrati li jistgħu jiġu miżjuda bħala addittivi tal-ikel mal-ikel jitnaqqsu biex il-livell tan-nitrożammini, potenzjalment ifformati minħabba dak l-użu, jinżamm baxx kemm jista' jkun filwaqt li tiġi żgurata s-sikurezza mikrobijoloġika. Barra minn hekk, għal kull dispożizzjoni għall-użu tan-nitriti u tan-nitrati, jenħtieġ li l-livelli massimi ta' residwi mis-sorsi kollha jiġu stabbiliti għall-prodotti lesti għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa biex jiġi mmonitorjat aħjar l-esponiment *vis-à-vis* tal-ADIs rispettivi. L-użu kemm tal-livelli massimi għall-ammonti miżjuda kif ukoll għall-ammonti residwi huwa fi qbil mal-approċċ miftiehem mill-Kumitat Codex dwar l-Addittivi tal-Ikel ⁽¹²⁾. Madankollu, fid-dawl ta' tħassib inqas serju marbut mal-kontribuzzjoni tan-nitrati użati bħala addittivi tal-ikel għall-esponiment globali u d-diskussjoni li għaddeja dwar il-ħtieġ li jiġi stabbilit livell residwu uniku kemm għan-nitriti kif ukoll għan-nitrati f'kull kategorija tal-ikel, jenħtieġ li l-prodotti xorta jitħallew jiġu introdotti fis-suq jekk jinqabżu l-livelli massimi ġodda ta' residwi għan-nitrati, iżda jenħtieġ li l-operatur rilevanti tan-negozju tal-ikel jinvestiga r-raġuni għal dan l-eċċess.
- (19) Il-kategoriji tal-ikel 08.3.1 "Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta' sħana" u 08.3.2 "Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana" fil-Parti D tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 ikopru varjetà wiesgħa ta' prodotti tal-laħam ipproċessati, inklużi xi prodotti tradizzjonali ppriservati u prodotti ppriservati tradizzjonalment li għalihom ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika fil-kategorija tal-ikel 08.3.4 "Prodotti tal-laħam ikkurati tradizzjonalment b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw in-nitriti u n-nitrati". Madankollu, il-livelli massimi l-ġodda għan-nitriti stabbiliti għall-kategoriji 08.3.1 u 08.3.2 jistgħu ma jkunux biżżejjed għall-ppriservazzjoni ta' xi wħud minn dawk il-prodotti tal-laħam tradizzjonali ppriservati u l-prodotti tal-laħam ppriservati tradizzjonalment. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet fil-kategorija tal-ikel 08.3.4 għall-prodotti kkonċernati.

⁽⁹⁾ EFSA Journal 2023;21(3):7884.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1165 tal-15 ta' Lulju 2021 li jawtorizza ċerti prodotti u sustanzi għall-użu fil-produzzjoni organika u li jistabbilixxi l-listi tagħhom (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 13).

⁽¹¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/741 tal-5 ta' Mejju 2021 li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mid-Danimarka dwar iż-żieda tan-nitrit ma' ċerti prodotti tal-laħam (ĠU L 159, 6.5.2021, p. 13).

⁽¹²⁾ Report of the 51st Session of the Codex Committee on Food Additives, paragraph 107.

- (20) Fl-aħħar nett, jenħtieġ li filwaqt li l-livelli massimi attwali huma espressi bħala nitrit tas-sodju jew nitrat tas-sodju, il-livelli massimi riveduti jiġu espressi bħala nitrit u jon tan-nitrat rispettivament, fi qbil mal-ADIs stabbiliti mill-Awtorità. Il-fatturi ta' konverżjoni bejn in-nitrit tas-sodju u l-jon tan-nitrit huma ta' 0,67 u bejn in-nitrat tas-sodju u l-jon tan-nitrat huwa ta' 0,73.
- (21) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-livelli massimi ġodda tiġi differita u jenħtieġ li l-perjodi tranżizzjonali jiġu pprovduti għal prodotti introdotti fis-suq qabel id-data tal-applikazzjoni tal-livelli massimi rispettivi biex l-operaturi tan-negozji tal-ikel, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji, ikunu jistgħu jadattaw għall-kundizzjonijiet tal-użu aktar stretti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għall-ġobon, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tiġi stabbilita billi jitqies iż-żmien meħtieġ għas-sajran qabel l-introduzzjoni tagħhom fis-suq, li għal ċerti prodotti jista' jkun sa 24-il xahar jew aktar.
- (22) Meta jitqies li l-Awtorità ma identifikatx tħassib immedjat dwar is-saħħa marbut mal-preżenza tal-elementi tossiċi fin-nitrit tal-potassju (E 249), fin-nitrit tas-sodju (E 250), fin-nitrat tas-sodju (E 251) u fin-nitrat tal-potassju (E 252) bħala addittivi tal-ikel, jixraq li għal perjodu tranżizzjonali jiġi permess l-użu ta' dawn l-addittivi tal-ikel introdotti fis-suq legalment qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-istess raġunijiet, jixraq li l-ikel li fih in-nitrit tal-potassju (E 249), in-nitrit tas-sodju (E 250), in-nitrat tas-sodju (E 251) u n-nitrat tal-potassju (E 252) l-addittiv tal-ikel li jkunu ġew introdotti fis-suq legalment qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikun jista' jkompli jiġi introdott fis-suq għal perjodu tranżizzjonali u jibqa' fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-"data sa meta jista' jintuża l-aħħar".
- (23) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 jiġu emendati skont dan.
- (24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. L-ikel li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness I applikabbli mid-data rispettiva indikata fih introdott fis-suq legalment qabel id-data rispettiva tal-applikazzjoni jista' jkompli jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-"data sa meta jistgħu jintuża l-aħħar" tiegħu.

2. In-nitrit tal-potassju (E 249) u/jew in-nitrit tas-sodju (E 250) u/jew in-nitrat tas-sodju (E 251) u/jew in-nitrat tal-potassju (E 252) bħala addittivi tal-ikel li ġew introdotti fis-suq qabel id-29 ta' Ottubru 2023 u li ma jikkonformawx mal-limiti massimi għaċ-ċomb, għall-merkurju u għall-arseniku stabbiliti fl-Anness II applikabbli mid-29 ta' Ottubru 2023 jistgħu jiżdiedu mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sad-29 ta' April 2024.

3. L-ikel li fih in-nitrit tal-potassju (E 249) u/jew in-nitrit tas-sodju (E 250) u/jew in-nitrat tas-sodju (E 251) u/jew in-nitrat tal-potassju (E 252) l-addittivi tal-ikel li ġie introdott fis-suq qabel id-29 ta' Ottubru 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għaċ-ċomb, għall-merkurju u għall-arseniku stabbiliti fl-Anness II applikabbli mid-29 ta' Ottubru 2023 jista' jkompli jiġi introdotti fis-suq sad-29 ta' April 2024 u jista' jkompli jiġi kkummerċjalizzati sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jistgħu jintuża l-aħħar".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti D hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-kategorija tal-ikel 08.3.4 hija sostitwita b'dan li ġej:

“08.3.4	Prodotti tal-laħam ippriservati tradizzjonali u ppriservati tradizzjonalment b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw in-nitriti u n-nitrati”
---------	--

(b) l-entrata għall-kategorija tal-ikel 08.3.4.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

“08.3.4.3	Prodotti ppriservati tradizzjonali u ppriservati tradizzjonalment (li jinkludu l-proċessi ta' immersjoni u ta' ppriservar bit-tmelliħ niexef użati flimkien jew meta n-nitrit u/jew in-nitrat jiġi inkluż fi prodott kompost jew meta s-soluzzjoni tal-ippriservar tiġi injettata fil-prodott qabel ma jissajjar)”
-----------	--

(2) Il-Parti E hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-kategorija tal-ikel 08.3.4 hija sostitwita b'dan li ġej:

“08.3.4	Prodotti tal-laħam ippriservati tradizzjonali u ppriservati tradizzjonalment b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw in-nitriti u n-nitrati”
---------	--

(b) l-entrata għall-kategorija tal-ikel 08.3.4.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

“08.3.4.3	Prodotti ppriservati tradizzjonali u ppriservati tradizzjonalment (li jinkludu l-proċessi ta' immersjoni u ta' ppriservar bit-tmelliħ niexef użati flimkien jew meta n-nitrit u/jew in-nitrat jiġi inkluż fi prodott kompost jew meta s-soluzzjoni tal-ippriservar tiġi injettata fil-prodott qabel ma jissajjar)”
-----------	--

(c) Il-kategorija 01.7.2 (Ġobon misjur) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal E 251 – 252 (Nitrati) hija sostitwita b'dan li ġej:

	“E 251 – 252	Nitrati	150	(30)	ġobon iebes, semiiebes u semiartab biss Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2026
	E 251 – 252	Nitrati	75	(30) (XA) (XB)	ġobon iebes, semiiebes u semiartab biss Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2026

	E 251 – 252	Nitrati	110	(30) (XA) (XB)	ġobon tradizzjonali Żvediż bit-toqob granulari minn Gäsene biss immaturat għal minimu ta' 11-il xahar Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2027
	E 251 – 252	Nitrati	110	(30) (XA) (XB)	ġobon tradizzjonali Cheddar Żvediż minn Kvibille biss immaturat għal minimu ta' 4 xhur Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2027
	E 251 – 252	Nitrati	110	(30) (XA) (XB)	ġobon tradizzjonali Żvediż bit-toqob granulari minn Falköping biss immaturat għal minimu ta' 12-il xahar Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2027"

(ii) jizziedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

“(XA): L-ammont massimu li jista' jizzied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₃.

(XB): F'każ li l-ammont residwu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa jaqbeż il-35 mg/kg espress bħala jon tal-NO₃, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinvestigaw ir-raġuni għal dan l-eċċess.”;

(d) Il-kategorija 01.7.4 (Ġobon tax-xorrox) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal E 251 – 252 (Nitrati) hija sostitwita b'dan li ġej:

	“E 251 – 252	Nitrati	150	(30)	ħalib tal-ġobon ta' ġobon iebes, semiiebes u semiartab biss Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2026
	E 251 – 252	Nitrati	75	(30) (XA) (XB)	ħalib tal-ġobon ta' ġobon iebes, semiiebes u semiartab biss Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2026”

(ii) jizziedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

“(XA): L-ammont massimu li jista' jizzied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₃.

(XB): F'każ li l-ammont residwu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa jaqbeż il-35 mg/kg espress bħala jon tal-NO₃, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinvestigaw ir-raġuni għal dan l-eċċess.”;

(e) Il-kategorija 01.7.6 (Prodotti tal-ġobon (minbarra prodotti fil-kategorija 16)) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal E 251 – 252 (Nitrati) hija sostitwita b'dan li ġej:

	“E 251 – 252	Nitrati	150	(30)	prodotti ibsin, semiibsin u semirotob misjura biss Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2026
	E 251 – 252	Nitrati	75	(30) (XA) (XB)	prodotti ibsin, semiibsin u semirotob misjura biss Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2026”

(ii) jiżdiedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

“(XA): L-ammont massimu li jista' jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₃.

(XB): F'każ li l-ammont residwu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa jaqbeż il-35 mg/kg espress bħala jon tal-NO₃, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinvestigaw ir-raġuni għal dan l-eċċess.”;

(f) Il-kategorija 01.8 (Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inkluż whiteners tax-xorb) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal E 251 – 252 (Nitrati) hija sostitwita b'dan li ġej:

	“E 251 – 252	Nitrati	150	(30)	analogi tal-ġobon abbażi ta' prodotti tal-ħalib biss Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2025
	E 251 – 252	Nitrati	75	(30) (XA) (XB)	analogi tal-ġobon abbażi ta' prodotti tal-ħalib biss Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025”

(ii) jiżdiedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

“(XA): L-ammont massimu li jista' jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₃.

(XB): F'każ li l-ammont residwu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa jaqbeż il-35 mg/kg espress bħala jon tal-NO₃, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinvestigaw ir-raġuni għal dan l-eċċess.”;

(g) Il-kategorija 08.2 (Preparati tal-laħam kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal E 249 – 250 (Nitriti) hija sostitwita b'dan li ġej:

	“E 249 – 250	Nitriti	150	(7)	<i>lomo de cerdo adobado, pincho moruno, careta de cerdo adobada, costilla de cerdo adobada, Kasseler, Bräte, Surfleisch, toorvorst, šašlōkk, ahjupraad, kielbasa surowa biala, kielbasa surowa metka, tatar wołowy (danie tatarskie) u golonka peklowana biss</i> Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2025
	E 249 – 250	Nitriti	80	(XC) (XD)	<i>lomo de cerdo adobado, pincho moruno, careta de cerdo adobada, costilla de cerdo adobada, Kasseler, Bräte, Surfleisch, toorvorst, šašlōkk, ahjupraad, kielbasa surowa biala, kielbasa surowa metka, tatar wołowy (danie tatarskie) u golonka peklowana biss</i> Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025”

(ii) jiżdiedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

“(XC): L-ammont massimu li jista' jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₂.

(XD): L-ammont residwu massimu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa ma għandux jaqbeż il-45 mg/kg espress bħala jon tal-NO₂.”;

(h) Il-kategorija 08.3.1 (Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta' sħana) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrati għal E 249 – 250 (Nitriti) u għal E 251 – 252 (Nitrati) huma sostitwiti b'dan li ġej:

	"E 249 – 250	Nitriti	150	(7)	Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2025
	E 249 – 250	Nitriti	80	(XC) (XD)	Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025
	E 251 – 252	Nitrati	150	(7)	Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2025
	E 251 – 252	Nitrati	90	(XA) (XE)	Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025
	E 251 – 252	Nitrati	110	(XA) (XF)	qatgħat ewlenin kbar tal-bacon u zalzett niexef biss mingħajr nitriti miżjuda Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025"

(ii) jiżdiedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

"(XA): L-ammont massimu li jista' jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₃.

(XC): L-ammont massimu li jista' jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₂.

(XD): L-ammont residwu massimu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa ma għandux jaqbeż il-45 mg/kg espress bħala jon tal-NO₂.

(XE): F'każ li l-ammont residwu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa jaqbeż id-90 mg/kg espress bħala jon tal-NO₃, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinvestigaw ir-raġuni għal dan l-eċċess.

(XF): F'każ li l-ammont residwu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa jaqbeż il-110 mg/kg espress bħala jon tal-NO₃, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jinvestigaw ir-raġuni għal dan l-eċċess.”;

(i) Il-kategorija 08.3.2(Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana) hija emendata kif ġej:

(i) l-entrati għal E 249 – 250 (Nitriti) huma sostitwiti b'dan li ġej:

	"E 249 – 250	Nitriti	100	(7) (58) (59)	prodotti tal-laħam sterilizzati biss (Fo > 3,00) Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2025
	E 249 – 250	Nitriti	55	(58) (59) (XC) (XG)	prodotti tal-laħam sterilizzati biss (Fo > 3,00) Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025
	E 249 – 250	Nitriti	150	(7) (59)	minbarra prodotti tal-laħam sterilizzati (Fo > 3,00) Perjodu ta' applikazzjoni: sad-9 ta' Ottubru 2025
	E 249 – 250	Nitriti	80	(59) (XC) (XD)	minbarra prodotti tal-laħam sterilizzati (Fo > 3,00) Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025"

(ii) jżdziedu dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna:

“(XC): L-ammont massimu li jista' jżdzied waqt il-manifattura, espress bħala jon tal-NO₂.

(XD): L-ammont residwu massimu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa ma għandux jaqbeż il-45 mg/kg espress bħala jon tal-NO₂.

(XG): L-ammont residwu massimu mis-sorsi kollha għall-prodott lest għall-kummerċjalizzazzjoni matul il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa ma għandux jaqbeż il-25 mg/kg espress bħala jon tal-NO₂.”;

(j) Il-kategorija 08.3.4.1 — “Prodotti tradizzjonali kkurati bl-immersjoni (Prodotti tal-laħam ikkurati bl-immersjoni f'soluzzjoni li tikkura li tinkludi nitriti u/jew nitrati, melħ u komponenti oħra)” hija emendata kif ġej:

(i) l-entrati għal E 249 – 250 (Nitriti) u għal E 251 – 252 (Nitrati) huma sostitwiti b'dan li ġej:

	“E 249 – 250	Nitriti	30	(XH)	prodotti ppriservati tradizzjonalment biss Perjodu ta' applikazzjoni: mid-9 ta' Ottubru 2025
